## Analiżi kritika tal-poeżija "Kristu" ta' Annibale Preca

Annibale Preca

KRISTU

Fil-qiegħ tal-biki jsaltan għadu kiefer
Kburi, għajjur, qattiel ill'jismu ġlied!
Illi bi snienu jbiċċer u bid-dwiefer
L-imsejkna t'Adam u Eva rsiera u wlied.

Dan kien fil-hena; 'mma minn qalbu siefer
Ir-risq u l-hena, x'ħin jitkabbar ried;
Illum dejjem f'dagħdigħa u dejjem kiefer
Jidgħi 'l Min ħalqu u jobgħod is-smewwiet.

Iżda ntemmet saltnatek, ja għajjur,
X'ħin ħa ġisem ta' bniedem il-Ħanin,
Sultan tal-paċi u minn ta' rwieħna Sid.

Ħuti l-għeżież, bil-ferħ kif il-qalb tfur!
Imħabba jitlob minna dal-Bambin:
'Nar ġejt inkebbes fl-art, u mħabba rrid!'

Fis-sunett Petrarkan ta' Annibale Preca "Kristu," il-poeta jisħaq li l-forza tal-ħażen spiċċat malli Kristu ġie fid-dinja. Dan jidher minnufih fl-istruttura nfisha ta' dan ix-xogħol, bil-ħażen li jiddomina fl-ottava iżda li jkollu jċedu postu għall-qawwa ta' Kristu fis-sestett. Ir-rebħa ta' Kristu fuq il-ħażen titħabbar b'dikjarazzjoni qawwija fil-volta u tisseddaq bid-diskors dirett ta' Kristu fl-aħħar vers tal-poeżija.

Fl-ewwel parti tal-poeżija, il-ħażen, deskritt fost l-oħrajn bħala "għadu kiefer," jintimida u jipprova jkisser lil Alla,

> Illum dejjem f'dagħdija u dejjem kiefer
> Jidgħi lil Min ħalqu u jogħbod is-smewwiet,

iżda n-nar li jkebbes Kristu jħabbar is-saltna tal-imħabba li tkeċċi l-forza tal-ħażen tax-Xitan.

Din il-poeżija taqbad diversi temi, fosthom ir-reliġjon, it-tema bibblika u l-ispiritwalità. Il-poeta jitkellem fuq ir-reliġjon li jħaddnu l-Insara u fuq

Kristu, u jinqeda b'referenzi bibbliċi, bħal meta jirreferi għall-"l-Imsejkna t'Adam u Eva" u jalludi għax-xitan. Dan il-poeta qatt ma jsemmih b'ismu iżda juża l-ewfemiżmu biex inaqqas il-kruha, il-kefrija u l-konnotazzjonijiet negattivi tax-Xitan. Din il-poeżija tħalli fil-qarrejja effett ta' spiritwalità minħabba l-messaġġ qawwi u effettiv ta' paċi u mħabba fl-aħħar vers.

Frażijiet bħal "fil-qiegħ tal-biki" u "għadu kiefer" fl-ewwel strofa jinqdew b'reġistru ta' vjolenza li jħalli effett qawwi fuq il-qarrejja għax l-"għadu kiefer" jasal biex ipatti u ma jħallix lil min jgħaddih minn għajn il-labbra. Bl-aġġettivi koroh li juża Preca, "kburi," "għajjur," u "qattiel," il-qarrejja jidentifikaw din il-figura max-Xitan. Barra minn hekk, il-poeta jidentifikah mal-glied għax hu "qattiel ill'jismu ġlied." Minn ismu stess, naraw li din "il-qawwa" tfisser biss inkwiet u magħha ġġib firda. Il-verb ibiċċer" fil-frażi "bi snienu jbiċċer" jikkomunika vjolenza u ħruxija kbira u jippreżenta lix-xitan bħala annimal lest biex iqatta' lill-vittmi tiegħu biċċiet.

Lejn l-aħħar tal-ewwel strofa, fil-poeżija hemm referenza għall-istorja tal-Ġenesi "l-imsejkna t'Adam u Eva rsiera u wlied." Dawn "l-imsejkna" huma d-dixxendenti tagħhom. Il-poeta jikkonkludi li "aħna," b'riżultat tal-iżball tagħhom, ikkunsidrati bħala "rsiera," għax maħkumin mix-Xitan.

Fit-tieni strofa l-poeta jirrakkonta l-istorja Bibblika ta' kif ix-Xitan tbiegħed minn Alla: kien Anġlu tal-Mulej iżda għax tkabbar u b'hekk tbiegħed mill-hena. Il-kelma fil-parteċipju attiv "kiefer" hija pjuttost effettiva għax ix-Xitan jobgħod u jidgħi lil Alla. Hu jaf li Alla huwa fuq kollox u fuq kulħadd. L-għira li għandu għalih iġġiegħlu jobogħdu daqshekk u jipprova jagħmillu l-ħsara.

Bejn it-tieni u t-tielet strofa fil-poeżija "Kristu" hemm volta. F'din il-parti tal-poeżija hemm reġistru differenti li jintroduċi lil Kristu. Is-sestett jibda bil-konġunzjoni "iżda" u eventwalment il-poeta jsejjaħ lil Kristu Qaddej u Feddej tal-bnedmin. Il-poeta juża kliem bħal "Ħanin, Sultan, Sid" kif ukoll kliem li jissimbolizza lil Kristu bħal "paċi" u "mħabba" u permezz ta' Kristu jindirizza lilna lkoll: "Ħuti l-għeżież."

Il-poeta joħloq kuntrast qawwi bejn il-figuri ewlenin tal-poeżija. Fl-ewwel strofa jiddeskrivi lix-Xitan bħala s-sultan li jismu "ġlied" u mimli mibegħda, għira u vjolenza, filwaqt li fit-tielet strofa, Kristu, li huwa l-veru protagonist ta' din il-poeżija, huwa deskritt bħala s-sultan tal-paċi, ħanin u mimli mħabba. Taħt il-ħakma tax-Xitan, imsemmija fl-

ewwel strofa, il-bnedmin huma rsiera, filwaqt li Kristu jaħkem bl-imħabba li teħles lill-bnedmin. Fir-referenzi għal Alla bħala "min ħalqu" jidher kemm Alla jħalli f'idejn l-individwi biex jagħmlu l-għażliet liberi tagħhom. Alla ma jiddominax lill-bnedmin iżda jħallihom fil-libertà li jagħżlu u jaraw xi jkun tajjeb u ħażin għalihom.

L-aċċenti fl-ewwel strofa ġeneralment jaqgħu fuq kliem importanti, bħall-kelma "ġlied." Il-vers jitfa' aċċent effettiv fuq din il-kelma għax il-poeta jrid jenfasizza n-natura ġellieda tax-Xitan. Biex il-versi kollha jkunu endekasillabi, u b'hekk jinżamm ritmu regolari, il-poeta juża s-sinalefe biex jgħaqqad żewġ sillabi flimkien. Fl-ewwel strofa, il-poeta juża ċ-ċesura femminili fil-frażi "kburi, għajjur, qattiel." Wara l-kelma "hena" l-poeta juża ċ-ċesura femminili biex juri lill-qarrejja li x-Xitan kien fl-aħħar post u rrifjuta li jibqa' fil-hena. Għalhekk il-qarrejja aktarx ma jitħassruhx għax kien hu li ddeċieda li jiċħad il-grazzja t'Alla. Bil-frażi "risq u hena" l-poeta jurina biċ-ċar iċ-ċaħda mill-kuntentizza. Fit-tielet strofa, hemm ċesura oħra, wara l-frażi "Ħuti l-għeżież," li twaqqaf il-mixja ritmika biex il-poeta jiġbed l-attenzjoni tal-qarrejja tiegħu li din id-dikjarazzjoni li ġejja tirrappreżenta mument importanti fil-poeżija.

Fi "Kristu" hemm kuntrast qawwi bejn iż-żewġ saltniet. Fil-każ tax-Xitan "intemmet saltnatek," waqt li s-saltna ta' Kristu hija saltna ta' paċi. Il-volta bejn iż-żewġ saltniet tirrapprezenta l-wasla ta' Kristu li, bħal dejjem, jegħleb il-ħażin. In-nar ta' Kristu jfisser imħabba bejn il-bnedmin filwaqt li n-nar tax-Xitan jinsab fil-qiegħ tal-infern. Fl-ewwel strofa, bejn jispikka l-użu ta' kliem magħżul bħal "bi snienu jbiċċer," it-ton huwa vjolenti u mkabbar, u fit-tieni strofa t-ton jinbidel għal wieħed ta' rabja u mibegħda, u l-poeta jiddeskrivi l-għira ta' dan l-għadu kiefer lejn Kristu. Fit-tielet strofa, it-ton jinbidel kompletament għal dak ta' rebħa u jkompli bl-istess ton pożittiv sal-aħħar tal-poeżija. It-ton tal-aħħar strofa huwa ta' tama u mħabba għal ġejjieni aħjar, u l-atmosfera li taħkem fl-aħħar, kontra l-aggressività u l-kunflittwalità li hemm fl-ottava, hija waħda ta' armonija.

**Tracy Sciberras**

Studenta tal-Ewwel Sena, Livell Avvanzat
Jannar 2009

Ħajr lil Dr. Adrian Grima